5 ta' Diċembru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Emmanuele Grixti

**Traffiku — Kolliżjoni — Negliġenza — "Last Opportunity".**

*F'każ ta' kolliżjoni għandu jiġi eżaminat x'kienet il-kawża prossima tal-kolliżjoni; u biex tiġi aċċertata l-kawża prossima tal-kolliżjoni jeħtieġ li wieħed jara x'kienet ir-reazzjoni tad-drivers involuti fl-inċident meta huma raw lil xulxin.*

*Jekk minn din l-indaġini jirriżulta li n-negliġenza inizjali kienet ta' wieħed mid-drivers, imma dan ikkoreġa ruħu fi żmien utili qabel il-ħabta, b'mod li d-driver l-ieħor kellu l-opportunità li jevita l-kolliżjoni, ir-responsabilità tal-kolliżjoni taqa' fuq dan l-aħħar imsemmi driver waħdu, avvolja n-negliġenza inizjali ma kienetx tiegħu; għax hu kellu l-aħħar opportunità li jevita l-kolliżjoni.*

*It-teorija tal-"Last Opportunity" ma tapplikax jekk, sal-mument tal-kolliżjoni, id-driver li kien inizjalment negliġenti jkun ippersista fin-negliġenza tiegħu; imma jekk huwa jkun ikkoreġa l-iżball tiegħu f'intervall ta' ħin apprezzabili qabel il-kolliżjoni, u fil-mument tal-kolliżjoni n-negliġenza tiegħu inizjali kienet spiċċat, allura din it-teorija hija applikabili.*

L-imsemmi Grixti ġie miġjub quddiem il-Qorti Kriminal tal-Maġistrati ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi saq motor-car minn St. Calcedonius Street, il-Furjana, b'ġiri akbar milli jmissu, fuq in-naħa ħażina tat-triq, u naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa f'kantuniera, u barra minn dan, minħabba nuqqas ta' għaqal, bi traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, ħabat ma' motor-truck u għamilu ħsara għad-dannu ta' l-Awtorità Militari;

B'sentenza tagħha ta' l-ewwel ta' Awissu 1953, dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni (ħlief għar-rigward ta' li speed eċċessiv), u kkundannatu għall-piena globali tal-multa ta' £2;

L-imputat appella;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-Ewwel Qorti ġiet għall-konklużjoni li l-kolliżjoni kienet dovuta għall-fatt li l-imputat qasam ħażin meta tfaċċa fuq Britannia Square. Dik il-Qorti rriteniet ukoll li, għalkemm id-driver l-ieħor Worthington ma rreaġixxiex kif kien imissu, b'dan kollu huwa kien konfrontat minn "sudden emergency", u għalhekk ma kienx responsabili tal-kolliżjoni;

Din il-Qorti, wara li reġgħet semgħet il-provi, dehrilha li, "prima facie", meta l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-kolliżjoni saret unikament għax l-imputat ħareġ ħażin fuq it-triq, fis-sens li dawwar wisq fuq il-lemin tiegħu biex jidħol fi Britannia Square, u meta kkonkludiet li d-driver l-ieħor kien konfrontat minn "sudden emergecy", forsi ma kienetx qiegħda tieħu in konsiderazzjoni b'eżattezza ċerti qisien u fatturi oħra li setgħu jwasslu għal konklużjoni diversa; u għalhekk din il-Qorti nnominat perit biex jirrelata dwar ir-responsabilità għall-kolliżjoni u biex jiġu aċċertati ċerti dettalji fuq il-post stess tal-kolliżjoni, u ordnat li tiġi preparata mill-perit "sketch to scale";

Il-perit relatur ikkonkluda illi l-vera "kawża prossima" tal-kolliżjoni kienet tikkonsisti fil-manjera li biha d-driver tat-truck irreaġixxa għas-sitwazzjoni;

Il-fatti kienu dawn. Fl-24 ta' Ġunju 1953, għal xi s-7.45 a.m., l-imputat kien qed isuq touring-car, u minn tas-Sliema kien ġej lejn il-Belt. Hu għadda mit-triq ta' taħt l-Isptar Ċentrali, u, meta ġie biex idur minn St. Calcedonius Street u jidħol ġo Britannia Square, huwa ġie in kolliżjoni ma' truck tal-Militar, misjuqa minn Victor Worthington, li kienet nieżla matul Britannia Square biex tibqa' sejjer lejn Lintorn Barracks;

Li "sketch to scale", magħmula mill-perit relatur, turi tajjeb il-konfigurazzjoni tal-lokalità;

Deher mill-provi li, immedjatament qabel ma l-imputat beda jdur għal Britannia Square, hu kien qed iżomm sewwa s-side tiegħu tat-triq, għax kien disa' piedi u ħames pulzieri l-bogħod mill-ħajt u bankina tax-xellug, mentri t-triq hi wiesa

sebgħa u tletin pied u sitt pulzieri. Issa, peress li fuq ix-xellug ta' l-imputat, meta hu wasal fl-"intersection" taż-żewġ triqat, hemm in-niżla li tagħti għal Lintorn Barracks, li l-"gradient" tagħha hu qisu ta' wieħed fi tmienja, għalhekk l-imputat, biex jikkontrobilanċja t-tendenza li tinqaleb fuq ix-xellug, kiser fil-qosor u ġie ftit fuq il-lemin tiegħu meta tfaċċa fil-kantuniera. Ma hemmx dubju li l-imputat resaq ftit iżżejjed lejn il-bankina tal-lemin (infatti, id-distanza tal-marka tat-tyres tiegħu tal-lemin mill-bankina fuq il-lemin tiegħu hi ta' inqas minn pied u sitt pulzieri), u bla dubju l-imputat seta' jżomm iżjed 'il bogħod u jħalli iżjed "clearance" mill-bankina tal-lemin, fil-kantuniera; iżda, b'dana kollu, jibqa' dejjem li wieħed jara jekk kienetx din iċ-ċirkustanza li kienet il-"proximate cause of the collision". Jidher sewwa dak li rriieva l-perit li għalkemm St. Calcedonius Street u Britannia Square, sal-pont ta' l-"intersection" tagħhom, jistgħu jitqiesu t-tnejn "major roads", però, appuntu f'dak il-pont, Britannia Square titlef l-importanza tagħha, għax minflok tibqa' arterja prinċipali ta' traffiku, tieħu biss għal Lintorn Barracks;

Sabiex tigi aċċertata l-kawża prossima tal-kolliżjoni, jeħtieġ li wieħed jara anki x'kienet ir-reazzjoni tad-driver tat-truck meta ra l-car tal-imputat, u anki x'kienet ir-reazzjoni ta' l-imputat meta ra t-truck;

In konnessjoni ma' dan il-lat tal-kwistjoni, hu ta' l-akbar importanza li jiġi determinat il-pont mnejn iż-żewġ drivers bi "proper look-out", li kull driver għandu jżomm, setgħu jaraw lil xulxin. Meta d-driver tat-truck xehed fuq il-post quddiem il-perit nominat mill-Qorti, hu indika ż-żewġ punti, ċjoè dak fejn kienet waslet it-truck meta hu (Worthington) lemaħ il-car tal-imputat. Il-perit qies din id-distanza bejn dawn iż-żewġ punti, u din hi ta' erbgħa u ħamsin (54) pied;

Issa, Worthington stess, fix-xhieda tiegħu, qal li hu kien sejjer "at a low speed". Għalhekk żgur li ma kienx akfar minn li "speed limit" permess f'dik il-lokalità, ċjoè 15-il mil fis-sigħa. Issa, Worthington qal li kellu brakes tajbin ("hydraulic brakes"), tant li ġimgħatejn qabel kienu ġew eżaminati u nstabu sufficjenti. Il-perit relatur, f'kalkolu eżatt bażat fuq

dati u formuli aċċettati f'din il-materja, wara li ħa in konsiderazzjoni l-kondizzjoni tat-tyres u anki wara li ħa in konsiderazzjoni r-"reaction time" (li hu kkalkola, favur Worthington, f'sekonda ta' minuta, ċjoè fuq in-normali, għax in-normali hi ¾ second—ara "Safe Driving" by Phil. Rusken, Popular Mechanics Magazine, Feb. 1947), ġie għall-konklużjoni illi li "stopping distance" (ċjoè l-"braking distance plus ir-reaction time"), kienet, għall-massimu, sitta u tletin pied (36′ 0″);

Għalhekk, anki jekk wieħed jaċċetta dak li qal Worthington, li ċjoè hu ra lill-car minn 54 pied distanza, hu ċert li hu seta' jibbrejkja. Dan apparti l-fatt li l-linja tal-viżwali, kif trattegġjata mill-periti fli "sketch", hi ta' 77 pied, u għalhekk, bi "proper look-out", Worthington seta' jara lill-car tal-imputat minn dik id-distanza, li hija aktar mid-doppju ta' li "stopping distance" kif fuq kalkolata;

Deher ukoll mill-provi li Worthington seta' żamm masside tiegħu u jibqa' sejjer fl-ispazju liberu li kellu fuq ix-xellug, li fl-aktar parti dejqa kien ta' tnax il-pied u sitt pulzieri. Minflok għamel dan, Worthington qaleb fuq il-lemin, mar hu stess fuq il-car tal-imputat, laqtu, dawru, u għamillu ħsara kbira;

X'kienet ir-reazzjoni ta' l-imputat? Kif ingħad, l-imputat ħareġ minn St. Calcedonius Street fi Britannia Square, ftit fuq il-lemin tiegħu, u seta' jżomm aktar 'il bogħod millbankina tal-lemin; iżda meta t-truck kien għadu 'l bogħod, u għalhekk f'intervall ta' żmien apprezzabili qabel il-kolliżjoni, hu kkorreġa malajr l-iżball inizjali, mar malajr fuq isside tiegħu, u waqaf. Il-provi juru li l-kolliżjoni saret meta l-car kien ġa waqaf u t-truck kien in moviment; u tant turi wkoll ix-xorta tal-ħsara li sofra l-car ta' l-imputat, ħsara li qiegħda kollha fil-parti tal-lemin ta' quddiem, li kienet tinsab appuntu fir-rotta li ħa t-truck;

Issa, f'din il-materja hi nota t-teorija tal-"Last Opportunity", li, in bażi għad-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża, ġiet żviluppata minn din il-Qorti fl-appell "Pulizija vs. Morris", 24. 7. 1937 (Kollez. Vol. XXIX—IV—740). Fit-test "Law of Running Down Cases" ta' Terrell, pp. 50 et seq., hemm ċitati diversi każijiet fejn ġiet applikata mill-Qrati In-

gliżi din it-teorija, li minn kawżi ta' kolliżjonijiet marittimi ġiet applikata għall-kolliżjonijiet terrestri. Din it-teorija tal-"Last Opportunity" tista' tiġi rikapitolata f'dawn il-kliem:— "If between the initial negligence of the other party and the moment of the collision there was an appreciable interval of time, during which the party not initially negligent could have, by the exercise of reasonable care, avoided the accident, then the last act of negligence was his; the last opportunity to avoid the accident was his; the act of negligence which was the proximate cause of the accident was not the initial negligence of the other party, but his; and his, therefore, was the liability for the collision" (ara sent. ċit., p. 745). Qal Viscount Hailsham, fil-House of Lords, fis-sentenza tal-"Volute Case"; 9 Admiralty Commrs. vs. S.S. Volute, 1922, 1, A.C. 129, 41 Digest, 780, 6417):— "If, although the plaintiff was negligent, the defendant could have avoided the collision by the exercise of reasonable care, then it is the defendant's failure to take that reasonable care to which the resultant damage is due, and the plaintiff is entitled to recover";

Issa, appuntu f'dan il-każ kien l-imputat li beda biex kien negligenti, fis-sens biss li ħareġ minn St. Calcedonius Street għal Britannia Square ftit iżżejjed fuq il-lemin; iżda hu kkorreġa ruħu fil-pront mailli ra t-truck, mar fuq ix-xellug, u waqaf. Jirriżulta li d driver tat-truck kellu żmien u tul biżżejjed biex, jew jibbrejkja, jew jibqa' jżomm is-side tiegħu u jgħaddi mill-ispazju liberu fuq ix-xellug; minflok, dan id-driver la bbrejkja u lanqas mar fuq ix-xellug, anzi mar fuq il-lemin, u baqa' dieħel ġol-car ta' l-imputat, li sadattant kien mar fuq is-side tiegħu u kien waqaf;

Jibqa' li wieħed jara jekk Worthington kienx konfrontat minn "sudden emergency"; għax kif ġie ritenut (ara Andrew Dewar Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases, p. 51), "an unforeseen emergency may so overpower a driver's judgment that momentarily he is not capable of intelligent action. Under such circumstances he is not required to exercise the same amount of care as one who has ample opportunity for the full exercise of his judgment and reasoning faculties";

Li dan ma kienx hekk fil-każ preżenti jidher ċar minn dak kollu li ga ngħad superjorment. Worthington kellu distanza biżżejjed biex japplika l-brakes u jżomm — distanza d-doppju ta' dik li kellu bżonn, għax seta' ra lill-car ta' l-imputat minn 77 pied distanza, u seta' żamm fit-tul ta' 36 pied; anki jekk ra l-car, kif qal hu, minn 54 pied bogħod, kellu 18-il pied margni surplus biex iżomm (54 – 36 = 18). Seta' alternativament jersaq aktar lejn ix-xellug tiegħu (hu kien f'nofs it-triq) u jgħaddi mill-ispazju liberu. Jirriżulta li kellu ħin, kif u spazju biżżejjed biex jagħmel hekk, kif kien jagħmel driver ta' abilità ordinarja. Minflok, huwa għamel l-aktar mossa diżastruża li setgħet issir, mar fuq il-lemin, u daħal hu gol-car;

Hu ta' min josserva illi t-teorija tal-"Last Opportunity", jew, kif ukoll tissejjaħ, il-"last act of negligence test", ma tapplikax kieku sal-mument tal-kolliżjoni baqgħet tippersisti n-negliġenza ta' l-imputat. Kieku sa dak il-mument huwa baqa' f'att ta' negliġenza, allura ma hemmx lok għall-applikazzjoni tat-teorija. "The doctrine does not apply where the negligence of the plaintiff continues up to the moment of the accident and both parties are contemporaneously and actively at fault at the instant of the injury" (Gibb. loc. cit. p. 55). F'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat ikkoreġa fil-pront l-iżball tiegħu f'intervall ta' ħin apprezzabili qabel il-kolliżjoni, u fil-mument tal-kolliżjoni n-negliġenza tiegħu inizjali kienet spiċċat; u għalhekk it-teorija hi applikabili;

Għalhekk il-Qorti taqbel mal-perit relatur li dak li ta lok għall-vera kawża pross-ima tal-kolliżjoni kien id-driver tat-truck, u kien hu li bir-reazzjoni tiegħu, assolutament ħażina, iddetermina l-kolliżjoni;

Kif ingħad (esklużа mill-Ewwel Qorti stess l-imputazzjoni ta' sewqan bi speed eċċessiv), l-imputazzjonijiet bagħhu tlieta :- 1. Dik ta' sewqan fuq in-naħa ħażina tat-triq; 2. dik ta' nuqqas ta' prekawzjonijiet f'kantuniera; 3. dik ta' danni involontarji;

It-tielet imputazzjoni hi eskluża in bażi għall-konsiderazzjonijiet premessi, għax il-kawża tad-danni (apparti li t-truck ma sofriex ħlief barxa fir-rota ta' quddiem tax-xellug, li ħadd

ma ta każ tagħha) kienet mhux in-negliġenza inizjali ta' l-imputat, imma n-negliġenza ta' Worthington;

It-tieni imputazzjoni hi eskluża, għax jirriżulta mill-provi li l-imputat daqq il-ħorn qabel ma ħareġ — ħorn elettriku u qawwi ħafna;

Tibqa' l-ewwel imputazzjoni, fis-sens biss fuq imsemmi, li ħareġ ftit iż-żejjed fuq il-lemin;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens li tikkonfermaha filli sabet ħati l-imputat talli saq fuq in-naħa ħażina tat-trieq, u għal din il-kontravvenzjoni (peress li l-Ewwel Qorti tat piena globali) tikkundannah, wara li rat l-art. 17 Kap. 105 u regolament 63 G.N. 24 ta' l-1948, għall-piena talammenda ta' 5s., u tirrevoka dik is-sentenza filli sabet lill-imputat ħati talli naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa f'kantuniera u ta' danni involontarji, tiddikjarah mhux ħati ta' dawn iż-żewġ reati, u, kwantu għalihom, tordna li jiġi liberat.

---